MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2297/2004

**First Finance Group u b'digriet tal-15 ta' Dicembru, 2004, giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens illi minflok il-kliem "First Finance Group" jitnizzlu l-kliem "First Insurance Brokers Limited"**

**vs**

**Worldwide Vehicle Supplies u b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2005, giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens illi qabel il-kliem "Worldwide Vehicle Supplies", jizdiedu l-kliem "Christopher Gauci ghan-nom u in rappresentanza ta'"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Dicembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tmienja u disghin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm98.17) ammont dovut lis-socjeta` attrici mill-konvenut in**

**rappresentanza ta' prezz tal-premium tal-assikurazzjoni tal-vettura tas-socjeta` konvenuta tal-ghamla BMW320, numru ta' registrazzjoni IAN-555, numru tal-polza 65203502001. Inoltre l-ammont jinkludi s-somma ta' sitta u erbghin lira Maltija (Lm46) rapprezentanti spejjez legali. Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata thallas diversi drabi izda baqghet inadempjenti.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Ottubru, 2004 u bl-imghaxijiet mit-22 ta' Lulju, 2002.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-25 ta' Frar, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma prezentata risposta, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmienja u disghin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm98.17) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-22 ta' Lulju, 2002.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Ottubru, 2004 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------